

# Il-festa fl-antik



**Gaetano Cristina**
President Onorarju

*Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa mil-lat tal-banda kienu ħafna aktar differenti mil-lum u dan hu dak li niftakar jien min-nofs il-ħamsinijiet 'il quddiem. Kif tgħaddi l-festa ta' San Ġużepp jieħdu spinta l-preparazzjonijiet għall-festa ta' San Gejtanu.*

## L-Erbgħat ta' San Gejtanu

Kif jibdew l-Erbghat wara l-funzjoni tal-knisja kienu jibdew il-kunċertini peress li kienu jibdew b'dawk il-bandisti li jkunu għadhom kif ħarġu jdoqqu u żgħażagħ oħra. Wara r-raba' Erbgħa jibdew il-kunċerti bil-banda kollha.

Fl-ewwel kunċerti, is-surmast direttur kien il-ħin kollu jwaqqaf il-banda. Ir-raġuni għal dan kien il-fatt kienet li l-partituri kien ikollhom ftit żbalji mhux ħażin, għax ma ninsewx li kull partitura għal kull marċ kienet tinkiteb bl-idejn għax dak iż-żmien ma kienx hemm 'photocopiers' u għalhekk kull żball irid jiġi rranġat bl-idejn dak il-ħin stess.

Partitarji żgħażagħ, kbar u anzjani jinġabru bi ħġarhom sabiex nibdew nisimgħu s-sett tal-marċi ġodda. Nitgħallmuhom ħalli nkantawhom, mhux bil-kliem imma "la, la, la" u nsaffruhom. Ma ninsewx dak iż-żmien ma kienx għad hemm tapes u cds, imma memorja biss.

## Ir-recording

Fl-aħħar tal-ħamsinijiet bdejna naraw l-ewwel 'tape recorders' li kienu

jissejħu taż-żigarella. Dawn kienu biss waħdiet imma ftit wara kienu bi kwantità. Fil-bidu tal-ġimgħa tal-festa, it-Tnejn jew it-Tlieta, nalternaw, kien isir ir-recording mid-ditta Rediffusion sabiex imbagħad fl-aħħar tal-ġimgħa jinstemgħu ma' Malta kollha. Infatti xi anzjani bħali għadna nsibuh sal-lum bħala 'r-recording', is-servizz tal-briju li nagħmlu fuq it-terazzin.

Għar recording ta' dak iż-żmien, id-direttur kien jarma nofs is-sala t'isfel bit-twavel tal-planċier fuq strippi tal-ħadid flimkien ma' kwantità ta' 'extension wires' ta' dawl sabiex ikollna ma fejn inqabbdu ħalli kulħadd ikun jista' jirrekordja bil-kumdità. Skiet perfett meta ddoqq il-banda sabiex joħroġ xogħol tajjeb u qabel kull marċ xi persuna tax-xandir, jiġi f'moħħi Charles Abela Mizzi, Peter Paul Ciantar u oħrajn, jaqraw l-isem tal-marċ u isem il-kompożitur, kif għadu jsir fuq l-istazzjonijiet tar-radju.

Jispiċċa l-marċ, il-banda tistrieħ, it-technician tar-Rediffusion jiċċekja li x-xogħol ħareġ tajjeb u aħna d-dilettanti niċċekkjaw tagħna. Jiġi mgħoti s-sinjal, skiet perfett jindaqq il-marċ li jmiss. Innu tal-banda, marċ wara marċ, ix-xogħol sar tajjeb u hawn wasal il-ħin għall-immortali Innu Marcia ta' Maestro Willie Attard. Jingħataw id-direttivi, banda lesta, kulħadd lest u skiet perfett. Beda, aħna attenti u mar-replika s-surmast idur lejna l-partitarji u jagħtina s-sinjal u aħna b'ewforija kbira nkantaw mal-banda bħal ma nagħmlu fid-dħul tal-marċ u kif jispiċċa xi erba' suffarelli ma jonqsux. Xeni li għadhom f'moħħi u li jġibuli nostalġija daqs dak iż-żmien.

## Il-ħruġ tal-vara minn niċċa

Il-Ħadd ta' qabel il-festa f'nofsinhar kulħadd il-knisja u mat-tokk tinfetaħ il-bieba u jiċċaqlaq San Gejtanu. Jinħareġ minn niċċa u fost għajjat u fost ċapċip kbir jitressaq lejn il-bieb ta' barra li issa jinfetaħ u San Gejtanu jinħareġ fuq iz-zuntier u mijiet ta' nies jilqgħuh fost musketterija u murtali tal-bomba.

Fis-snin sebgħin erġajna intoduċejna li jkollna banda armata b'nofsha fil-gallarija ta' fuq u nofsa fil-gallarija t'isfel u kif San Gejtanu jitfaċċa fil-bieb tinstema il-fanfarra tal-immortali Innu Marcia. Wara l-innu kienu jindaqqu wkoll xi żewġ marċi oħra. Inħalli għall-immaġinazzjoni tagħkom l-għajjat, kant u ferħ tal-partitarji tagħna li kienu joħonqu quddiem il-każin. Dejjem tal-ewwel li nsellmu lil San Gejtanu. Wara li San Gejtanu jiddaħħal lura u jitpoġġa f'postu, nidħlu gewwa u nkomplu nagħmlu briju sħiħ flimkien mal-banda.

## Il-marċ ta' Luteru

Tibda l-ġimgħa tal-festa u jsir l-ewwel marċ dak tal-Ġimgħa li kien jissejjaħ ta' Luteru li kien jibda mill-Blata l-Bajda u jispiċċa l-każin. Il-banda San Gużepp u l-banda San Gejtanu konna nalternaw sena kull wieħed min idoqq. Min kien imissu dakinhar kien jibda u jidħol l-ewwel il-Ħadd.

Is-Sibt għall-ħabta tal-11am konna niltaqgħu il-każin ħalli wara t-tokki ta' nofsinhar jiġu sparati murtali u tinżel il-bandiera Maltija li kienet titla kuljum matul il-ġimgħa u minn floka kull każin itella' l-bandiera tas-Soċjetà. Drawwa li issa spiċċat. Xarba birra ma kinitx tonqos.

## Il-programm ta' lejlet il-festa

Is-Sibt fil-għaxija l-banda tagħna wara l-funzjoni tal-knisja tibda l-programm fuq il-planċier armat fuq iz-zuntier fil-waqt li l-banda San Gejtanu tibda l-programm fuq il-planċier tagħha li kien jintrema f'Broad Street (illum magħrufa bħala Triq Dun Nerik Cordina Perez) kantuniera ma' triq il-Kbira. Meta jispiċċaw il-programmi il-banda taghna tibda l-marċ minn quddiem il-każin tħares 'il fuq, filwaqt li l-banda San Gejtanu tibda l-marċ tagħha minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq id-Duka ta' Edinburgh tħares 'l isfel.

Il-banda tagħna kienet tieħu l-istess rotta li tieħu llum, iżda għal ħafna snin konna ngħaddu minn Triq Annunzjata imma biż-żmien bdejna

ngħaddu minn Triq Santu Wistin fost briju sħiħ. Biss, meta niksru għal Triq il-Kbira konna nitilgħu sa ħdejn Triq Annunzjata u minn hemm sal-każin l-istess rotta bħal-lum.

Differenti mil-lum kien li dak iż-żmien kien ikollna persuni, li jġorru minn sitta sa tmien fanali kbar jissejħu 'tal-mantle' li jaħdmu bil-pitrolju u li tixelhom bl-ispirtu tal-ispiritira u li kienu jkunu fuq lasti apposta. Dawn kienu jkunu mqassma mal-banda sabiex il-bandisti kienu jistgħu jaraw tajjeb minħabba li d-dawl tal-festa ma tantx kien daqshekk b'saħħtu. Kien ikun hemm ukoll persuna li kienet iġġorr il-katuba fuq dahru mdendla b'ċinga fuq spallejh. Dawn kienu jiġu mgħotija xi ftit soldi kull wieħed u repo mal-bandisti.

Dak iż-żmien il-banda kienet tingħata ħafna aktar repojiet. Ir-raġuni kienet li dak iż-żmien kien ikollna ħafna bandisti li ma jitħallsux u t-tul twil tal-ħin tas-servizz. Differenza oħra kienet li minn meta nibdew sa kemm nispiċċaw il-banda kienet tkun imdawra b'mijiet kbar ta' nies. Irġiel u żgħażagħ fuq quddiem u nisa bit tfal fil-ġnub u fuq wara. Mill-bidu sa l-aħħar il-pulizija u l-kumitat flimkien ma' voluntiera kien ikollhom biċċa xogħol mhux zgħira sabiex imexxu n-nies. Dak iż-żmien kien ikun hemm ħafna sokor peress li n-nies ma kinitx imdorrija bix-xorb matul is-sena kollha bħal-lum.

Briju, ċapċip u kant ma jonqsux biss il-qofol ikun hekk kif niġu għad-dritt minn ħdejn il-knisja ta' Santu n-Nuzzu. Niftakar li kien isir repo u jinqasam id-dulliegħ li kien joħroġ mill-appartameti tal-familja Galea, li kienu partitarji kbar tagħna fosthom Ninu li kellu banka tal-lottu ħdejn il-knisja tas-Samra u Salvu li għamel snin twal bil-banka tal-lottu tal-każin tagħna, ħuthom in-nisa Ġuza, Stella u xi tnejn oħra. Biż-żmien id-dulliegħ kien joħroġ mid-dar tas-sur Toninu Bezzina (taż-żinobju) li kien il-kaxxier tas-Soċjetà u li kellu f'idejh il-banda. Ġentlom u Ġużeppin li kien mitluf fuq il-banda.

L-aħħar nofs siegħa bejn is-1.30am u s-2am il-grand finale fejn bejn marċ u ieħor fuq l-idejn kienu jinħarqu kwantità kbira ta' suffarelli u gassijiet li kienu jdawlu quddiem il-knisja kollha kif ukoll murtali tal-kulur u musketterija bil-banda quddiem il-każin miksura għal ġol bieb meta jiġi fi tmiemu l-marċ.

## Il-marċ ta' filgħodu

Niġu issa għall-Ħadd filgħodu. Mat-8am jekk kien imissna noħorġu l-ewwel konna nibdew niltaqgħu biex mat-8.30am nibdew. Is-sena ta' wara jkun imiss lill-Banda San Gejtanu sabiex toħroġ l-ewwel bl-istess ħinijiet. Dan kien ifisser li l-banda u l-partitarji tagħna kienu jkunu fil-każin jistennewhom jgħaddu sabiex imbagħad noħorġu warajhom aħna. Il-bandisti libsin l-uniformi jien dejjem ilħaqthom bil-qalziet iswed, qmis bajda u l-beritta tal-banda. L-ewwel darba li neħħejna l-uniformi u uzajna 'T-Shirt', beritta pajżana u shorts kien fl-1979 meta konna qed niċċelebraw id-90 sena tas-Soċjetà.

Mal-banda kien ikollna żewġ standardi tas-Soċjetà, il-ġdid li kien jinżamm f'nofs il-banda ħdejn il-katuba, li għall-ebda raġuni ma kien jinqala' minn mal-banda. Kien ikollha l-ieħor li kien jinżamm ġeneralment wara l-klarinetti. L-iskop kien biex meta l-partitarji kienu jippreżentaw kuruni maħdumin bil-karti l-ġmiel tagħhom, li kienu jkunu ippreżentati mill-gallarija, jitwaħħlu ma' dan l-istandard.

Barra minn hekk fuq quddiem nett kien ikollna standardi tradizzjonali bħal ta' Malta, l-Ingilterra, tal-Papa, tar-Reliġjon u kieku llum ukoll tal-Ewropa flimkien ma' oħrajn ta' pajjiżi fejn kienu jgħixu partitarji tagħna emigranti li rregalawhom lis-Soċjetà bħal tal-Kanada, l-Amerika u l-Awstralja. Dawn wieħed illum jarahom biss fis-swali tagħna wara li fil-bidu tas-snin sebgħin saret liġi li ma jistgħux aktar joħorġu mal-marċijiet.

*L-istandardi ta' diversi pajjiżi li llum jinsabu għall-wiri fis-swali tal-każin li dari kienu jinħarġu mal-marċ ta' filgħodu*



Barra minn hekk fuq wara kien ikun hemm il-bandalori kollha li wieħed illum isib ippreservati fis-swali tagħna li nitkellmu fuqhom darba oħra. Ir-raġuni li kien ikun hemm dawn l-istandardi u bandalori kienet li dak iż-żmien ma kienx ikun hemm dak l-armar quddiem il-banda bħal ma jkun hemm illum u għaldaqstant dawn l-affarijiet kienu jimlew u jsebbħu l-andament tal-marċi.

L-aktar ħaġa li baqgħet impressjonata f'moħħi kien il-fatt li ħafna rġiel u żgħażagh kienu jimpikaw bejniethom minn ser iġorr dawn l-istandardi u bandalori u d-direttur ġenerali kien ikollu problema lil minn ser jiddelega.



Minn kif noħorġu mijiet ta' partitarji kienu jibqgħu mal-banda speċjalment meta nduru minn Triq Santa Maria għal Triq San Gejtanu fejn kien jogħqod Mro Willie Attard qabel il-familja marret toqgħod fejn tinsab illum. Minn hemm kont trid tibda timbotta n-nies ħa jimxu.

Triq San Gejtanu sa kantuniera ma' Triq Anton Buttigieg kienet tkun imżejna sa ruħ ommha b'pavaljuni, liedna, trofej bil-bnadar, kuruni kbar u żgħar u affarijiet oħra mdendlin. Magħhom kien ikun hemm ħafna arbli fuq il-bjut. Minn fuq il-bejt tad-djar fejn kienu joqgħodu l-familja tagħna (taċ-ċiċa), l-familja Vella (tal-panti), l-familja Grech (tal-koppla) u l-familja Double kienet tintrabat bandiera kbira tal-arblu tal-każin tas-Soċjetà tagħna u li biha nsaqqfu t-triq. Minn fuq ħafna bjut tinħaraq musketterija u b'ħafna żgħażagħ jaħarqu kwantità ta' sfafar. Il-qofol f'din it-triq jintlaħaq meta l-banda tasal ħdejn il-każin żgħir tal-Ħamrun Eagles li għal xi żmien serva ta' ħanut mill-familja Attard.

Minn hemm imbagħad konna nkomplu sakemm ninzlu r-rampa fejn f'Qormi Road kien ikun hemm briju sħiħ speċjalment ħdejn il-dar taż-żigija. Nduru għal Triq il-Kbira San Ġużepp u minn hemm folol akbar u briju sħiħ.

Naslu quddiem il-każin San Gejtanu. Il-kumitat kollu kienu ikun fil-gallarija fejn kien isellem lill-banda tagħna billi l-president kien idendlilna kuruna sabiħa li kienet titwaħħal mal-istandard Nru 1 li jinqala minn nofs il-banda u jerġa' jieħu postu. Tinħaraq musketterija u l-bandiera b'ħila kbira tinħall u titnižżel minn mal-arblu tperper għal fuq it-triq bħala salut. L-istess ħaġa kienet isseħħ qabel, meta l-banda San Gejtanu kienet tgħaddi minn quddiem il-każin tagħna.

Dik is-sena li nkunu ħriġna l-aħħar meta konna ngħaddu minn quddiem il-każin San Gejtanu, kienu jkunu diġà daħlu u allura l-folla kważi kollha kienet titla' takkumpanja l-banda tagħna u l-marċ jintemm għall-

ħabta tal-4.30pm. Din is-sistema l-aħħar li saret kienet fis-sena 1976 għax fis-sena 1977 ftit qabel il-festa delegazzjoni tagħna, inkluż jien u delegazzjoni tagħhom konna msejħin id-Depot tal-Pulizija u f'laqgħa preseduta mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien konna ordnati li s-sistema kienet ser tinbidel u li ż-żewġ baned kienu ser joħorġu t-tnejn fl-istess ħin u jidħlu fl-istess ħin kwazi kif qed isir illum. Ir-raġuni mgħotija kienet sabiex ikun hemm aktar sigurtà u kontroll fil-marċijiet.

Il-ħinijiet iffissati kienu mid-9.30am sas-2.30pm. Il-ħin tal-ħruġ inżamm miż-żewġ naħat biss il-ħin ta' dħul ma nżammx għax iż-żewġ baned kienu joqgħodu jistennew lil xulxin u nidħlu għall-ħabta tal-4pm. Id-drawwa kienet li wara dħul trijunfali tal-banda li dak iż-żmien kienet tasal eżatt quddiem il-bieb, numru konsiderevoli ta' bandisti tal-post kienu jiġu miġbura flimkien u għal ħin twil kienu jallegraw lill-mijiet ta' partitarji bid-daqq tal-marċi u kien ikun hemm briju sħiħ b'kant li llum ħa postu d-disco sintendi bi kwantità ta' xorb għaddej.

*Hekk tajna ħarsa lejn id-differenza bejn l-imgħoddi u llum. Jien li għext u pparteċipajt bis-sħiħ tul dawn iż-żminijiet kollha, ngħid li kull żmien għandu u kellu s-sabiħ u d-diffikultajiet tiegħu. Biss l-għan wieħed kien li jkollna festa kbira u sabiħa kif nafu nagħmlu aħna l-Ħamruniżi.*

*B'dan f'moħħi nixtieq il-festa t-tajba lill-Ħamruniżi kollha.*